# POEŻIJI LIL NIFER LERI

1. Għadha tistenna wara l-bieb
il-mara tad-dublett qasir.
Minn wara l-bieb tarana għaddejjin;
it-triq twila wisq, f'nofsha nilħqu mmutu.
Tarana naqgħu wieħed wieħed,
u xejn... dil-mara ma tafx b'vistu.

2. Tal-flawt iddoqq baxx biex l-anqas tinstema',
biex ma jiġux nies, biex ma jsirux jafu.
Għax jixluk li xewwixt u jisparawlek,
toħroġ fit-triq u ssib min jimbuttak.

Ili ma nisimgħek fil-kantuniera,
ma narak fuq il-bank ta' l-injam.
Kont niġi u waqqfuni, beżgħu minni.
Kont inħares lejn l-uċuh u nitbissem.
Kont inħobbhom imma ma ħallewnix.

3. Dal-ħin il-muż'ka dejjem kwieta tinstema'
aktar w aktar meta int irqadt diġà.
Għadni naqra il-polit'ka f'testi twal
nara nsibx soluzzjoni jien l'int irqadt
u ħallejtni b'dil-muż'ka nipprova
ninsa li barra'ktarx hemm l-agħjat marid
ta' min bħali pprova u ma rnexxilux.

Li kellha tieqaf għal kollox dil-mużika
nilmaħ l-abjad tat-testi li naqra meta
int tkun irqadt diġà. Nistaqsi x'l-aħjar:
jiqafx id-daqq, norqodx, jew nismax l-agħjat.

*Immanuel Mifsud*